MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 210/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Biern Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Biern Farrugia, iben Diane Farrugia, imwieled Pieta', nhar it-8 ta' Lulju, 1989, residenti 56 Misrah Gavino Gulia, Bormla ID 306889M.

Billi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-1 ta' Jannar, 2008 u fil-granet ta' qabel din id-data:

a) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Jannar, 2008 u fit-tlett snin ta' qabel din id-data:

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2011,[1] l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, irregistra ammissjoni ghat-tieni imputazzjoni kif maghmula kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u nonostante li taghtu zmien jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu, hu rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

[1] Ara fol. 9 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti ta' dawn il-proceduri m'humiex kontestati bejn il-partijiet u huma s-segwenti:

1. Waqt spezzjonijiet ta' rutina li kienu qed jaghmlu f'Paceville, il-Pulizija arrestat lill-imputat u fil-pussess tieghu instabu 4 pilloli ecstacy u LM144 flus kontanti.
2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li dawk l-4 pilloli ecstacy u l-flus kienu tieghu, u li kien ilu jabbuza minn din id-droga ghal tlett (3) snin. Huwa ammetta wkoll li dak il-lejl kien biegh sitt (6) pilloli ecstacy u din kienet l-ewwel darba li biegh id-droga.
3. L-unika prova tal-prosekuzzjoni dwar l-imputazzjoni tat-traffikar huma z-zewg stqarrijiet tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

It-tieni imputazzjoni tal-pussess semplici tad-droga ecstacy giet ammessa mill-imputat, apparti li tirrizulta mill-provi u ghalhekk il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, u cioe dik ta' traffikar, l-unika prova imressqa mill-Prosekuzzjoni huma z-zewg stqarrijiet tal-imputat. Id-difiza qieghda tissottometti illi dawn l-istqarrijiet ghandhom jigu skartati ghaliex dawn l-istqarrijiet ittiehdu meta l-ligi Maltija kienet ghadha ma tippermettix li s-suspettat ikollu l-fakulta li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju. Hija tirreferi ghas-sentenzi decizi mill-Qorti Kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** deciza fil-11 ta' April 2011 u **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** deciza fit-12 ta' April 2011, u **Il-Pulizija v. Mark Lombardi** deciza

wkoll fit-12 t'April 2011, u s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tas-27 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet **Salduz v. Turkey** u **Pavanotis vs Cyprus** tat-12 ta' Dicembru 2008.

Pero, wara s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li ghamlet riferenza ghalihom id-difiza, kien hemm diversi sentenzi ohra tal-Qorti Kostituzzjonali fejn elaboraw aktar fid-dettal meta l-istqarrija ghandha tigi skartata, ghax is-suspettat ma jkollux access ghall-avukat qabel l-interrogatorju.

Hekk fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[2]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[3]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[4]

---

[2] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[3] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[4] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[6], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[7] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[8]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Biern Farrugia kellu 18-il sena maghluqa. Ghalkemm ma rrizultax li huwa kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn. Fil-fatt, l-imputat ezercita dan id-dritt tieghu ghax fiz-zewg stqarrijiet li rrilaxxa l-imputat, kien hemm domandi li ghazel li ma jwegibx.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrijiet ittiehdu f'Jannar 2008, kien biss fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2011,[9] li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrijiet tieghu ttiehdu minghajr ma kellhu assistenza legali. Matul dawn it-tlett (3) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrijiet tieghu

[5] *Per* Imhallef David Scicluna.
[6] *Per* Imhallef David Scicluna.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[9] Ara fol. 9-10 tal-process.

jew li jichad il-kontenut taghhom. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrijiet tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2011, gie verbalizzat hekk: *"Id-difiza qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella lil PC 295 u PS 1220 bhala xhieda tal-volontarjeta tal-istqarrija."* Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-10 t'April 2013: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` tal-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

In vista tal-ammissjoni volontarja tal-imputat fl-istqarrija, il-Qorti issibu hati wkoll ta' traffikar tad-droga ecstacy.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali – anki dik aggiornata –netta. Hu ikkopera mal-pulizija, u ammetta li kien traffika sitt (6) pilloli ecstacy dik il-lejla, u li din kienet l-ewwel darba li ttraffika d-droga. L-ammont ta' pilloli li traffika ma jistghax jinghad li kien wiehed kbir.

L-imputat ukoll ammetta li huwa kien ilu jabbuza mid-droga ecstacy ghal tlett (3) snin.

It-traffikar tad-droga huwa punit bil-ligi b'piena tassattiva ta' prigunerija u multa. Fil-fatt il-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat in dizamina (Artikolu 120(7) Kapitolu 31). Dan effettivament ifisser li meta tinstab htija ta' traffikar ta' droga ecstacy, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Pero, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ta' prigunerija ghandha tinghata fil-minimu possibbli taghha permess mil-ligi u cioe dak ta' sitt (6) xhur prigunerija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li

jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------